**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Marzu 2002**

**Numru 11**

**Avviz numru 1485/01**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Vella u l-istess Joseph Vella.**

**vs**

**David Cuschieri**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm162.49 (mija u tnejn u sittin Lira Maltin u disa u erbghin centezmu) u dana in kwantu ghas-somma ta' Lm137.49 lis-socjeta attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' Lm25.00 lill-attur Joseph Vella rappresentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru BAR 691 fit-28 ta' Dicembru 1999 gewwa l-Qawra habat mal-vettura numru DAU 125

proprjeta tal-attur Joseph Vella u ikkaguna danni f'din l-istess vettura.  Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjes, komprisi dawk ta' Ittra Ufficjali datata 30 ta' Marzu 2000 kontra l-konvenut u ta' Ittra Ufficjali ohra ppresentata mal-avviz tat-talba kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Louis Bianchi jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici et is-somma ta' Lm162.49 (mija u tnejn u sittin Lira Maltin u disa u erbghin centezmi) dovuti ghal danni kagunati.  Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**